## Deskrizzjoni tal-Pożizzjoni

'Appendiċi A'

| | |
|---|---|
| Titolu tal -Pożizzjoni: | Senior Officer – Marketing and Communications |
| Organizzazzjoni: | Fondazzjoni Kreattività |
| Responsabbli għall-: | Marketing and Communications Senior Manager |
| Dipartiment: | Marketing u Communications |
| Numru tal-permess: | 416/2020 |

## L-iSkop b'mod ġenerali tal-Pożizzjoni

Is-Senior Officer tal-Marketing u Communications jirraporta lill-Maniġer tal-Marketing u Communications. Is-Senior Officer tal-Marketing u Communications fil-Fondazzjoni Kreattivita' – Spazju Kreattiv ser jaħdem fit-Tim tal-Marketing u Communications biex jikkontribwixxi għad-dmirijiet ta' hawn taħt skont il-ħiliet, l-esperjenza u l-kompetenzi. Fit-twettiq tad-dmirijiet, is-Senior Officer għandu jiżgura f'kull ħin li d-deċiżjonijiet li jaffettwaw b'mod dirett jew indirett, Dipartimenti jew Sezzjonijet oħra, jittieħdu biss wara proċess mitqies ta' djalogu sabiex tiġi faċilitata u promossa l-ispirtu ta' ħidma f'tim u koordinament.

## Responsabbilitajiet Prinċipali

Is-Senior Officer tal-Marketing u Communications ser ikun responsabbli:

- Li jaħdem mat-Tim tal-Marketing u Communications biex jikkordina l-immaġni pubblika tal-Fondazzjoni fil-midja kollha;
- Li jaħdem mat-Tim tal-Marketing u Communications biex jiġi żgurat li tinżamm manutenzjoni tas-sit elettroniku tal-Fondazzjoni flimkien mal-pjattaformi l-oħra fuq il-midja soċjali;
- Li jaħdem mat-Tim tal-Marketing u Communications sabiex jiġi prodott materjal promozzjonali intern li jkun lest għall-istampa u għall-pubblikazzjoni;
- Li joħloq, jaġġorna u jqassam materjal relatat ma' midja, stqarrijiet u dokumenti informattivi;
- Li joħloq kontenut għal fuq il-midja soċjali skont il-bżonnijiet tal-programm tal-Fondazzjoni;
- Li joħloq skeda ta' ppubblikar regolari u li jippromwovi kontenut permezz tal-pubbliċita' soċjali;
- Li jagħti s-sehem tiegħu fil-pjanijiet tal-kampanji ta' marketing tal-Fondazzjoni;

- Li jimmonitorja b'mod regolari l-midja għall-pubblikazzjonijiet relevanti dwar l-attivitajiet tal-Fondazzjoni;
- Li jaħdem mat-tim tal-Marketing u Communications biex jistabilixxi pontijiet ta' komunikazzjoni b'saħħithom kemm mal-midja lokali kif ukoll ma' dik internazzjonali;
- Li jaħdem mat-Tim tal-Marketing u Communications għall-bini tar-relazzjonijiet mas-settur privat u sabiex jattratta aktar sponsors, kollaborazzjonijiet, u investimenti;
- Li jassisti fl-immaniġjar ta' bażijiet ta' dejta u identifikazzjoni (profiling) tal-udjenzi;
- Li jassisti fir-riċerka kwalitattiva u kwantitattiva tas-suq u tal-konsumatur;
- Li jimmonitorja l-figuri ta' attendenzi u jgħin għall-iżvilupp tal-udjenzi;
- Li jagħmel dak li huwa ġeneralment mistenni li jsir biex tiġi żgurata funzjoni bla xkiel tal-Fondazzjoni, u jżomm f'moħħu n-natura delikata u speċjali tal-missjoni artistika u kulturali;
- Li jimmaniġja jew jerħi responsabbilitajiet mogħtija, minn żmien għall-żmien, mill-Bord, Direttur Artistiku u Maniġers;
- Li jagħmel dak li normalment huwa mistenni minnu b'mod raġunat sabiex tiġi żgurata tmexxija effiċjenti taċ-Ċentru, u jżomm f'moħħu n-natura delikata u speċjali tal-missjoni artistika u kulturali.

## Responsabbilitajiet Supplimentari

- Li jimmaniġja jew jerħi responsabbilitajiet mogħtija, minn żmien għall-żmien, mill-Bord, Direttur Artistiku u Maniġers.

## Titjib Personali

- Jagħmel li jista' biex iżomm ruħu infurmat u aġġornat dwar prattiċi, politiki u kwistjonijiet oħra kurrenti relatati mal-Marketing u Communications;
- Minn żmien għall-żmien is-Senior Officer għandu jattendi għall-taħriġ relatat mal-pożizzjoni tiegħu.

## Oħrajn

- Għandu jkun ambizzjuż u jieħu l-inizjattiva personali, b'enerġija, motivazzjoni u interess ġenerali fil-qasam tal-Marketing u Communications.

## Superviżjoni Riċevuta

- Maniġment mis-Senior Manager tal-Marketing u Communications.

## Kundizzjonijiet ta' Xogħol

- Ħin tax-xogħol: tmien sigħat kuljum, ħames (5) darbiet fil-ġimgħa.  Jekk u fejn is-Senior Officer huwa meħtieġ jirraporta għax-xogħol wara dawk l-erbgħin (40) siegħa fil-ġimgħa għall-raġunijiet ta' laqgħat jew avveniment, i.e. Aktar minn tmien (8) sigħat kuljum, waqt tmiem il-ġimgħa jew f'Festi Pubbliċi, huwa/hija huma eliġibbli li jitħallsu wara l-ħin tax-xogħol tagħhom bir-rati stipulati bil-liġijiet tax-xogħol.

## Kompetenzi

### Għarfien

- Juri kreattivita' u immersjoni dokumentata fil-midja soċjali. (Tagħti ħoloq għall-profili per eżempju);
- Juri għarfien fil-fond tal-mezzi tal-midja soċjali, il-parteċipanti rispettivi tagħhom (Facebook, Twitter, Instagram, Youtube, Pinterest, eċċ) u kif kull pjattaform tista' tiġi użata f'xenarji u każijiet differenti;
- Juri abilita' li jikkomunika b'mod effettiv informazzjoni u ideat bil-miktub u anke bil-viżwal permezz ta' vidjows;
- Għarfien tajjeb tal-produzzjoni tal-midja, disinn u fotografija, kif ukoll użu bażiku ta' Photoshop, InDesign u Illustrator;
- Kunfidenti bl-addattazzjoni ta' sistemi ġodda ta' teknoloġija skont il-bżonn;
- Għarfien tat-teknoloġiji bażiċi ta' web server għall-manteniment u aġġornament tas-sit tal-Fondazzjoni;
- Għarfien eċċellenti tal-industrija tal-midja lokali;
- Kommess lejn servizz lill-klijent u manġiment ta' kwalita';
- Interess b'saħħtu fl-arti;
- Kreattivita' b'saħħitha.

### Ħiliet

- Abilita' li jorganizza, jippjana u jiprijorittizza x-xogħol u l-iskeda tal-proġetti skont il-bżonn;
- Ħiliet eċċezzjonali inter personali u servizz eċċellenti tal-klijent;
- Ħiliet ta' kitba u komunikazzjoni verbali eċċellenti fil-ħiliet komunikattivi fil-Malti u fl-Ingliż;
- Abilita' li josserva u jikseb ħiliet ġodda li għandhom x'jaqsmu b'mod estern jew intern għall-ħiliet komunikattivi;

**Kwalifiki u Esperjenza**

- Degree rikonoxxuta minn Universita', f'qasam relatat mal-Marketing, komunikazzjoni, jew degree oħra relatata mal-kompetenzi u ħiliet imsemmija u minimu ta' tlett (3) snin ta' esperjenza f'oqsma relatati.
  JEW
  Diploma rikonoxxut f'oqsma relatati mal-Marketing u Communications, jew arti kreattiva u mill-anqas ħames (5) snin esperjenza f'oqsma relatati;

- Kondotta nadifa tal-pulizija;
- Liċenzja tal-karozza hija meqjusa bħala mertu addizzjonali.

Kandidati interessati għandhom japplikaw billi jibgħatu applikazzjoni ma' CV dettaljat fuq applications@kreattivita.org sa mhux aktar tard minn 24 ta' Awwissu 2020 sa nofsinhar.